**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **130/2022 (AD)**

**VANESSA CAMILLERI (KI 550375M)**

**VS**

**DIRETTUR QRATI ĊIVILI U TRIBUNALI U**
**CARLO CAMILLERI (KI 01177M)**
**GĦAL KULL INTERESS LI JISTA' JKOLLU**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 21 t'April 2023**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar it-taxxa uffiċjali tal-Qorti fil-kawża fl-ismijiet *Vanessa Camilleri vs Carlo Camilleri* (Sezzjoni Familja) (Rik Nru 1/2020 AGV);

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors preżentat nhar l-erbatax (14) ta' Frar 2022, **Vanessa Camilleri** bil-ġurament tagħha ppremettiet:

a. *Illi in segwitu għas-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) fl-ismijiet* ***Vanessa Camilleri vs Carlo Camilleri*** *(Rikors Numru 1/2020 AGV) kawza ta' separazzjoni personali, (**Dok A**) inħarget taxxa ta' drittijiet u spejjeż ġudizzjarji (**Dok B),** fejn kemm għat-talbiet kif ukoll għall-kontro-talba, l-ispejjeż tal-Partijiet ġew maħduma fuq l-ammont ta' erba' mitt elf Ewro kull darba, sabiex ġie likwidat il-ħlas ta' erbat elef seba' mija tnejn u sebgħin Ewro u erbgħin ċentezmu (€4,772.40) għad-dritt tal-avukati għat-talba tar-rikorrenti u l-ammont ta' erbat elef seba' mija sebgħa u disgħin Ewro u erbgħin ċentezmu (€4,797.40) għall-kontro-talba u naturalment l-istess komputazzjoni intużat għall-prokuraturi legali rispettivi tal-partijiet fil-kawża hawn fuq citata;*

b. *Illi l-ispejjeż ta' din il-kawza ta' separazzjoni għalhekk eċċedew l-ammont ta' wieħed u tletin elf Ewro (€31,000.00);*

c. *Illi r-rikorrenti tixtieq tattakka din it-taxxa peress li ġiet maħduma żbaljatament u konsegwentement inattendibbli stante li l-metodu ta' ntaxxar użat mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali kien erronju u definittivament mhux preċiż jew korett;*

d. *Illi r-rikorrenti ma taqbilx mal-metodu ta' likwidazzjoni magħmul mir-Reġistratur ai termini tal-Artikolu 11(1) tat-Tariffa fl-iskada A, Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dwar id-drittijiet tal-avukati u prokuraturi legali rispettivi in konnessjoni mal-istess kawża;*

e. *Illi fl-ewwel lok il-valur li biha u fuqha ġiet intaxxata l-kawza hija żbaljata u dan għaliex, il-Partijiet waqt il-ġbir tal-provi laħqu ftehim fuq id-dar konjugali u din effettivament, kif ukoll skond dak ivverbalizzat (**Dok Ċ**), ma baqgħetx tifforma parti kontenzjuża ta' din is-separazzjoni, tant li l-Qorti fis-sentenza tagħha ma daħlitx fuq il-kwistjoni tad-dar konjugali u lanqas biss semmietha mkien fis-sentenza;*

f. *Fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għal dak eċċepit preċedentement, il-metodu ta' ntaxxar użat mir-Reġistratur għall-kontro-talba huwa ukoll żbaljat peress li, dato ma non concesso li l-argument preċedenti huwa żbaljat, ir-Reġistratur ma kellu qatt jintaxxa l-kontro talba fuq l-istess valur tat-talba f'din il-kawża ta' separazzjoni peress li l-patrimonju semmai kien ta' erba' mitt elf u mhux ta' tmien mitt elf. Din mhix żewġ kawżi separati, komunjoni tal-akkwisti wieħed kien hemm u dak li jkun qed jiġi dibattut f'kontro-talba f'kawza ta' separazzjoni hija r-responsabbilita' u xejn aktar;*

g. *Illi fuq dan it-tieni lamentela issir riferenza għas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fejn dan il-punt kien ġie dibattut senjatment il-kawza* ***Violet Camilleri vs Reġistratur tal-Qorti*** *(9/2009 Qorti Maġ Ġur Sup Għawdex, per Imħ Anthony Ellul 29/01/2010) fejn il-Qorti kienet iddikjarat:*

*"M'hemmx dubbju li rikonvenzjoni tiswa daqs kawza. Tant hu hekk li jekk l-attur jirrinunzja għall-atti, il-konvenut għandu l-jedd li jitlob li tiġi deċiza l-kontro-talba. Jedd li ma jeżistix jekk ma tkunx saret rikonvenzjoni u l-attur jirrinunzja għall-kawza bla kondizzjoni. Pero hu minnu wkoll li f'każ ta' rikonvenzjoni qiegħed jsir proċess wieħed u t-talba originali u l-kontro-talba jiġu deċizi fl-istess kawza (Art 397 tal-Kap 12).*

*Skond il-paragrafu 16 ta' Tariffa E, "f'kawżi ta' diviżjoni ta' proprjeta' indipendentement mill-għadd ta' talbiet li jkun hemm fir-rikors għandu jiġi intaxxat dritt wieħed biss ad valorem bħal fil-paragrafu 13 fuq l-akbar somma bejn l-attiv u l-passiv tal-proprjeta' li għandha tiġi maqsuma." Għalkemm hu minnu li:-*

(a) *F'kawza ta' separazzjoni ma ssirx biss id-diviżjoni tal-ġid tal-komunjoni tal-akkwisti, il-firda ġġib magħha t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u l-qasma tal-ġid bejn il-konjugi. Dan l-eżerċizzju hu wieħed mill-oġġetti prinċipali tal-kawża.*

(b) *Paragrafu 16 isemmi "rikors", pero' l-qorti hi tal-fehma li daqstant ieħor għandu japplika meta t-talbiet jirriżultaw minn rikonvenzjoni. Ir-raġuni wara din ir-regola jidher li hu li rrispettivament min-numru ta' talbiet li jkollhom x'jaqsmu ma' valur, fir-realta' fil-proċess ta' diviżjoni jsir eżerċizzju wieħed li permezz tiegħu ssir il-likwidazzjoni tal-proprjeta kollha li għandha tinqasam. Permezz tal-likwidazzjoni jiġi stabbilit il-valur tal-proprjeta', u d-dritt jiġi ntaxxat fuq dak il-valur għal darba waħda biss. Raġunament li l-qorti temmen li għandu japplika wkoll fil-każ ta' likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u diviżjoni tal-ġid bejn il-konjuġi. Inoltre, fis-sentenza il-qorti tagħti deċiżjoni waħda dwar it-talbiet relatati mat-terminazzjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, u l-mod kif għandha ssir id-diviżjoni. Dan irrispettivament ta' kemm-il talba ssir f'dan ir-rigward. Hu fatt li fil-ġurispurdenza hu rikonoxxut li:-*

a. *It-tassazzjoni tal-onorarju tal-avukat u drittijiet tar-reġistru huma bażati fuq id-domandi li jsiru;*

b. *Wieħed m'għandux jillimita ruħu għad-domanda li ssir fl-att ġudizzjarju li bih tinbeda l-kawża, iżda għandu jara wkoll is-sens tal-kompless tal-kontroversja li fuqha għandha tingħata deċiżjoni;*

*pero' paragrafu 14 ta' Tariffa E, jaqra:-"Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skond il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skond il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit.". Hu evidenti li d-dritt jitħallas għad-deċiżjoni li tagħti l-qorti, kemm jekk ikun dwar xi punt ta' fatt jew ta' dritt. Fis-sentenza l-qorti ser tkun qegħda tiddeciedi t-talbiet li jirrelataw għall-komunjoni tal-akkwisti billi tiddikjara l-konsistenza tagħha u cjoe' l-valur tal-proprjeta'. Id-dritt għal tali deċiżjoni hu regolat mill-paragrafu 13 tat-Tariffa E. Dwar il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, li hu punt ta'*

*fatt, id-deċiżjoni hi waħda rrispettivament min-numru ta' talbiet u jekk saritx rikonvenzjoni."*

h. *L-istess pożizzjoni ttieħdet minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet* ***Stephen Busuttil Naudi vs Direttur Qrati Ċivili u Tribunali et*** *(342/2011 per Imħ Mark Chetcuti 29/11/2011)*

   *"Il-mertu dwar it-taxxa tal-Avukat u prokuratur legali in kwantu għal valur naxxenti minn likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ġiet trattata b' mod ċar u fid-dettal fil-kawza Violet Camilleri vs Reġistratur tal-Qorti Għawdex, deċiza fid-29 ta' Jannar 2010 AE*

   *.....*

   *Għal din il-qorti m'għandux ikun li d-dritt tal-avukat jigi ntaxxat darbtejn ad valorem għal eżerċizzju li ser isir darba biss u li dwaru tingħata deċiżjoni waħda, u iktar u iktar meta bażat fuq talbiet identiċi.*

   *....*

   *Din il-Qorti ma għandiex x'izzid fuq dan il-punt u taqbel perfettaent mal-insenjament tal-Qorti fis-sentenza preċitata."*

i. *Illi għalhekk jirriżulta li t-taxxa ma setgħet qatt tiġi kkalkolata skond il-metodu u valuri adoperati mir-Reġistratur, peress li din kienet żbaljat u timmerita korrezzjoni;*

j. *Illi l-partijiet ma fthemux barra minn din il-fora u għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

3. Għaldaqstant, ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

(i) Tiddikjara skorretta t-tassazzjoni ta' drittijiet u spejjeż magħmula fid-29 ta' Diċembru 2021 fil-kawża fl-ismijiet ***Vanessa Camilleri vs Carlo Camilleri*** (Sezzjoni Familja) (Rikors Nru 1/2020 AGV);

(ii) Tiddikjara li l-valur ta' erba' mitt elf Ewro adoperata bħala l-bażi tat-tassazzjoni tal-valur tal-kawża kemm għat-talba kif ukoll għall-kontro-talba hija żbaljata;

(iii) Tordna lill-istess intimat Direttur Qrati Ċivili u Tribunali jerġa' jagħmel mill-ġdid it-taxxa uffiċjali tal-Qorti ifl-kawża fl-ismijiet ***Vanessa Camilleri vs Carlo Camilleri*** (Sezzjoni Familja) (Rikors Numru 1/2020 AGV) fuq il-valur korrett u skond il-liġi kemm għat-talba kif ukoll għall-kontro-talba, sia dawk tar-Reġistru kif ukoll dawk li huma drittijiet professjonali u spejjeż;

Bl-ispejjeż kontra l-intimati jew min minnhom;

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar 2022, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-smigħ għas-seduta ta' nhar il-Ġimgħa, disgħa u għoxrin (29) t'April 2022, b'ordni għan-notifika tar-rikors lill-konvenuti, illi ngħataw għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika lilhom tal-istess, sabiex jirrispondu skont il-liġi;

5. B'risposta ġuramentata datata ħdax (11) ta' Mejju 2022, il-konvenut **<u>Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali</u>** (minn issa 'l quddiem *"**ir-Reġistratur**"* eċċepixxa:

   a. *Illi t-taxxa kif redatta inħadmet b'mod korrett u skont il-Liġi u l-prassi f'dawn il-każijiet;*

   b. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-konvenut Reġistratur jirrileva illi kemm-il darba kien avviċinat, huwa dejjem kien dispost li jiddiskuti l-metodu tal-intaxxar u kemm-il darba jirriżulta li jkun hemm żball ma*

*jkollu ebda diffikulta' li jirranġa t-taxxa in kwistjoni qabel ma jiġu intavolati xi proċeduri;*

c. *Illi fil-każ in deżamina, ir-Reġistratur sar jaf li* **allegatament** *l-intaxxar tal-kawża fl-ismijiet Vanessa Camilleri vs Carlo Camilleri (Rik Nru 1/2020 AGV) ma kienx korrett meta ġie notifikat b'dawn il-proċeduri u fil-fatt la r-rikorrenti u lanqas l-intimat ma kkomunikaw mar-Reġistratur;*

d. *Illi l-kawża de quo hija intempestiva in kwantu dato ma non concesso li jkun hemm lok għal xi korrezzjoni jew reviżjoni tat-taxxa, huwa dejjem dispost li jirrikonsidra mill-ġdid il-mod kif tkun inħadmet it-taxxa;*

e. *Għaldaqstant ir-Reġistratur, filwaqt li jirrileva illi huwa joqgħod għal dak li jidhrilha xieraq din il-Qorti rigward it-tassazzjoni per se, iżda huwa jissottometti li f'kull każ li in vista taċ-ċirkostanzi m'għandux ibati l-ispejjeż ta' din il-proċedura jew* de minimis *tiġi spejjeż bla taxxa, u dan anke għaliex kieku l-partijiet avviċinawh kienu jevitaw din il-proċedura;*

f. *B'riżerva għal eċċezzjonijiet ulterjuri;*

Bl-ispejjeż;

6. Mill-banda l-oħra, b'risposta ġuramentata datata għoxrin (20) ta' Mejju 2022, l-intimat **Carlo Camilleri** eċċepixxa illi:

a. *It-talbiet attriċi kif dedotti fir-rikors maħluf huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

b. *It-taxxa li qegħda tiġi impunjata mill-attriċi nħadmet skont il-Liġi tenut kont in-natura tat-talbiet u l-azzjonijiet relattivi;*

*Salv eċċezzjonijiet oħra;*

**Il-Qorti**

7. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti datat erbatax (14) ta' Frar 2022 u d-dokumenti annessi miegħu, cioe: (a) sentenza datata tnax (12) t'Ottubru 2021 (**Dok A** a fol 7 *et seq* tal-proċess); (b) it-taxxa ta' drittijiet u spejjeż ġudizzjarji (**Dok B** a fol 23-24 tal-proċess); u (c) verbal datat 26 ta' Jannar 2021 (**Dok Ċ** a fol 25 tal-proċess);

8. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tar-Reġistratur datata ħdax (11) ta' Mejju 2022;

9. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata ta' Carlo Camilleri datata għoxrin (20) ta' Mejju 2022;

10. Rat l-affidavit tal-**Avukat Dr Peter Fenech** immarkat **dok PF1** a fol 45 *et seq* tal-proċess;

11. Rat l-affidavit tar-rikorrenti **Vanessa Camilleri** a fol 49-50 tal-proċess;

12. Semgħet ix-xhieda mogħtija *viva-voce* waqt is-seduta tat-tnax (12) ta' Lulju 2022 minn **Charmaine Bugeja**, Assistent Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali[1], prodotta mir-rikorrenti, u rat id-dokument minnha esebit u mmarkat **Dok CB1** a fol 59 *et seq* tal-proċess;

13. Rat illi, waqt is-seduta tat-tnax (12) ta' Lulju 2022, ir-rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi xi tressaq;

14. Rat illi, waqt l-istess seduta, ir-Reġistratur iddikjara illi ma kellux aktar provi xi jressaq;

15. Semgħet ix-xhieda mogħtija *viva-voce* waqt is-seduta tal-ħamsa u għoxrin (25) t'Ottubru 2022 minn **Charmaine Bugeja**, Assistent Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali[2], prodotta mill-konvenut Carlo Camilleri in kontro-eżami;

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 54 *et seq* tal-proċess
[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 63 *et seq* tal-proċess

16. Semgħet ix-xhieda ulterjuri mogħtija *viva-voce* waqt is-seduta tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru 2022 minn **Charmaine Bugeja**, Assistent Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali[3], prodotta mill-konvenut Carlo Camilleri in kontro-eżami;

17. Rat illi, waqt is-seduta tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru 2022, l-intimat Carlo Camilleri ddikjara illi ma kellux aktar provi xi jressaq;

18. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata tlieta (3) ta' Jannar 2023, a fol 77 *et seq* tal-proċess;

19. Rat illi l-intimati naqsu milli jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet rispettivi tagħhom, minkejja illi ġie lilhom konċess terminu sabiex fih jagħmlu dan;

20. Rat illi l-partijiet qablu illi l-kawża tibqa' differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

21. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

22. Il-kawża odjerna hija kawża intavolata fit-termini tal-Artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dwar it-taxxa ta' drittijiet u spejjeż ġudizzjarji maħruġa in segwitu għall-kawża ta' separazzjoni personali fl-ismijiet ***Vanessa Camilleri vs Carlo Camilleri*** (Rikors Nru 1/2020 AGV), liema kawża ġiet deċiża b'mod definittiv permezz ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti (Sezzjoni Familja) fit-tnax (12) t'Ottubru 2021;

23. Ir-rikorrenti ssostni illi t-taxxa maħduma in segwitu għall-kawża kienet żbaljata fuq żewġ binarji:

[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 71 *et seq* tal-proċess

(a) Fl-ewwel lok, għaliex inħadmet a bażi tal-valur tad-dar matrimonjali, liema valur kien ġie estromess mit-talbiet fil-kawża tas-separazzjoni u għalhekk ma ngħatat l-ebda deċiżjoni f'dan ir-rigward fis-sentenza; u

(b) Fit-tieni lok, għaliex it-talba u l-kontro-talba dwar ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti kellhom jiġu intaxxati darba biss, u mhux darbtejn, stante illi dawn ma kinux żewġ kawżi separati, iżda talba u rikonvenzjoni;

24. Mill-banda l-oħra, imbagħad, mill-mistoqsijiet illi saru mill-konvenut Camilleri lix-xhud **Charmaine Bugeja**, illi xehdet fil-kwalita' tagħha ta' Assistent Direttur Qrati Ċivili u Tribunali, jidher illi l-konvenut qed isostni illi peress illi d-dar matrimonjali kienet proprjeta' parafernali, u huwa kien ressaq talba dwar proprjeta' parafernali fil-kontro-talba, kellha tinħadem taxxa fuq il-valur tad-dar fir-rigward tal-kontro-talba;

25. Din il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għal dak illi ġie rilevat mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Salvino Ellul Bonnici vs Dr Edgar Buhagiar noe et***[4]:

> *Il-valur ta' kawża, tant għall-finijiet ta' kompetenza kemm għall-finijiet ta' tassazzjoni, jitqies fuq id-domanda, u mhux fuq l-interess effettiv, jew l-interess pekunjarju jew patrimonjali li l-attur jista' jkollu fl-eżitu finali tal-kawża. Xi drabi jista' jiġri li l-azzjoni tkun ristretta għal interess iżgħar minn dak li fuqu d-deċiżjoni tkun tinfluwixxi; drabi oħra l-interess li jintitola l-attur jaġixxi jista' lanqas ikun pekunjarju jew patrimonjali jew valutabbli fi flus.*

26. Dan l-insenjament sar ukoll referenza għalih mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Anthony Abela et vs Ronald Cordina et***[5], fejn ġie ritenut:

---

[4] 7 t'Ottubru 1960 (Kollez Vol XLIV.i.243)
[5] Rik Nru 715/2011, Qorti tal-Appell (Superjuri), 13 ta' Lulju 2020

*16. Illi huwa stabbilit li t-tassazzjoni tad-drittijiet ġudizzjarji hija mħarsa mill-prinċipju li wieħed iħares lejn it-talba li tkun saret jew mis-sentenza li tkun ingħatat meta s-somma m'hijiex determinabbli mit-talba. Bil-kelma "talba" wieħed jifhem il-qofol tal-kwestjoni mqanqla bil-proċess ġudizzjarju, u mhux sempliċement it-talba kif formolata fl-att promotur tal-azzjoni. Tali prinċipju m'huwiex wieħed inflessibbli għaliex huwa kwalifikat bil-prinċipju li t-tassazzjoni tista' tinstilet minn dak li f'kawża jissejjaħ "il complesso del tema contenzioso" minn fejn wieħed jista' jsib xi jkun tassew il-valur tal-kontestazzjoni* [P. A. 24.7.1946 fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef et vs Micallef et*** (Kollez Vol XXXII.ii.424)];

*17. Illi mill-prattika li ilha mwaqqfa għal żmien twil, it-tassazzjoni "ad valorem" tissejjes fuq talbiet li jwasslu għall-passaġġ ta' flus jew fondi jew għat-trasferiment ta' proprjeta' jew jeddijiet marbutin ma' dan* [Ara per eżempju P.A. 22.2.1967 fil-kawża fl-ismijiet ***Borg Grech et vs Buhagiar noe et*** (Kollez Vol LI.ii.811)]. *Meta kawża ma taqax f'kategorija bħal dawn li għadhom kemm issemmew, it-tassazzjoni ġeneralment issir a bażi ta' dikjarazzjoni;*

*18.* [...] *Huwa minnu wkoll li, bħala prinċipju stabbilit, il-valur ta' kawża jitqies fuq it-talbiet u mhux fuq l-interess effettiv tal-atturi* [Ara App Ċiv 7.10.1960 fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul Bonnici vs Buhagiar noe et*** (Kollez Vol XLIV.i.243)], *għalkemm l-interess ġuridiku ta' parti f'kawża huwa x'aktarx determinanti biex wieħed jasal biex jistabilixxi t-taxxa tkunx "ad valorem" jew dikjarazzjoni* [P.A. 20.6.1963 fil-kawża fl-ismijiet

***Camilleri et vs Buhagiar noe et*** (Kollez Vol XLVII.ii.880)]*;*

*19. Illi ta' min jgħid ukoll li t-Tariffa li tiggwida l-likwidazzjoni ta' dritt dovut lil avukat f'kawża li fiha tkun ingħatat deċiżjoni dwar punt ta' dritt jew ta' fatt, tgħid li dik id-deċiżjoni tiġi intaxxata "ad valorem" jekk kemm-il darba "jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skond il-liġi **jew mill-proċess**"* [Par 14, Tariffa "E" tal-Ewwel Skeda tal-Kap 12] *(enfasi tal-Qorti). Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser ukoll li l-valorizzazzjoni tal-azzjoni tista' ssir mhux biss mill-att promotur, imma minn kull tagħrif jew prova li tinsab fl-atti;*

27. Fid-dawl tal-ġurisprudenza suċitata, din il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex teżamina x'kien sewwasew dak illi talbet ir-rikorrenti fil-kawża ta' separazzjoni personali[6]:

*i. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet;*

*ii. Tawtorizza lir-rikorrent sabiex tgħix separatament minn mal-intimat Carlo Camilleri;*

*iii. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;*

*iv. Tillikwida l-oġġetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, u taqsam l-istess komunjoni f'żewġ porzjonijiet u tassenja waħda lill-attriċi u l-oħra lill-konvenut jew jekk mhux possibbli tordna l-bejgħ tal-oġġetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u tordna li r-rikavat jinqasam egwalment f'żewġ porzjonijiet, wieħed li għandu jiġi assenjat lir-rikorrenti u l-ieħor għandu jiġi assenjat lill-intimat.*

[6] Vide sentenza mogħtija fir-Rikors Nru 1/2020 AGV, immarkata **Dok A** u annessa mar-rikors promotur, a fol 8-9 tal-proċess

28. Mill-banda l-oħra, il-konvenut Carlo Camilleri kien ippreżenta wkoll kontro-talba, illi permezz tagħha talab lill-Qorti[7]:

i. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet imputabbli unikament u esklussivament lir-rikorrenti rikonvenzjonata illi rrendiet ruħha ħatja ta' abbandun, adulterju, eċċessi, moħqrija, theddid u offiżi gravi fil-konfront ta' l-esponenti rikonvenzjonata u għall-finijiet ta' l-artikolu 48(c) tal-Kapitolu sittax (16) tal-Liġijiet ta' Malta tistabbilixxi d-data meta r-rikorrenti rikonvenzjonata għandha tiġi kkunsidrata ħatja għas-separazzjoni tal-partijiet;*

ii. *Tapplika fis-sħiħ kontra r-rikorrenti rikonvenzjonata a favur l-esponnti l-effeti tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 48 u 51 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dan illi tiddikjara u todna li r-rikorrenti rikonvenzjonata tilfet kull jedd u sehem illi setgħa kellha fil-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti minn bejn il-kontendenti;*

iii. *Tordna t-tmiem u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet;*

iv. *Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti, okkorendo bil-ħatra ta' periti nominandi, skond ma jkun neċessarju, f'żewġ porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali b'tali mod illi r-rikorrenti rikonvenzjonata titlef bħala konsegwenza ta' l-aġir tagħha kull jedd li għadha fuq nofs l-akkwisti li saru matul iż-żwieġ ta' bejn il-partijiet;*

v. *Tikkundanna lir-rikorrenti rikonvenzjonata tirrestitwixxi lill-esponenti il-beni parafernali u dotali tiegħu u tordna li l-esponenti jiġi mogħti l-piena amministrazzjoni tal-beni parafernali tiegħu;*

[7] Vide sentenza mogħtija fir-Rikors Nru 1/2020 AGV, immarkata **Dok A** u annessa mar-rikors promotur, a fol 14-14A tal-proċess

*vi.* *Tillikwida l-krediti tal-esponenti inkluż l-ispejjes inkorsi mill-istess esponenti għat-trobbija tat-tifel minuri imsemmi li twieled fiż-żwieġ, liema spejjes ġew inkorsi konsegwenza tal-ħtija u l-qerq tar-rikorrenti rikonvenzjonata kif intqal u għar-raġunijiet fuq premessi, u tikkwalifika l-istess bħala krediti tal-istess esponenti kontra l-kommunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet;*

*vii.* *Tikkundanna lir-rikorrenti rikonvenzjonata sabiex tħallas lill-esponenti tali krediti kif likwidati, kollox kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi;*

*viii.* *Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika kull att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċi;*

*ix.* *Tordna li ssir l-annotazzjoni relattiva tas-sentenza eventwalment mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti fir-Reġistru Pubbliku.*

29. Huwa evidenti mill-premess illi fir-rikors ġuramentat u fir-rikonvenzjoni, kien hemm numru ta' talbiet illi kienu ripetuti, u cioe: (a) it-talba għal dikjarazzjoni u pronunzjament tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet; (b) it-talba għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, u (c) it-talba għal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti;

30. Fir-rigward ta' dawn it-tliet talbiet identiċi, saħansitra anke **Charmaine Bugeja**, illi xehdet *qua* Assistent Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, ikkonfermat illi, *"[J]ekk tara ż-żewġ dokumenti fejn hemm it-table, Valur, hemm id-dritt tal-avukat li huwa four five four seven point forty cents, fiż-żewġ intaxxar huwa l-istess, dak ifisser illi kif jien rajtha fuq il-computer ifisser li dik it-talba ġiet intaxxata darbtejn, hija talba identika."*[8] Id-dokument illi tagħmel referenza għalih ix-xhud huwa **Dok CB1** esebit minnha stess (a fol 59-61 tal-proċess), illi minnu jirriżulta illi t-taxxa kalkolata *ad valorem* hija fl-ammont ta' €4,547.40, kemm fir-rigward tal-kawża miġjuba mir-rikorrenti, kif ukoll fir-rigward tar-rikonvenzjoni;

[8] Vide traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija fis-seduta tal-25 t'Ottubru 2022, a fol 65 tal-proċess

31. Fit-termini tat-Tariffa E formanti parti mill-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

(a) Il-paragrafu 13 jistabbilixxi l-ammont illi għandu jiġi ntaxxat għal kull sentenza definittiva skont il-valur tal-istess sentenza;

(b) Il-paragrafu 14 jistabbilixxi illi, *"Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit."*;

(c) Il-paragrafu 16 jistabbilixxi illi, *"F'kawżi ta' diviżjoni ta' proprjeta', indipendentement mill-għadd ta' talbiet li jkun hemm fir-rikors **għandu jiġi intaxxat dritt wieħed biss ad valorem** bħal fil-paragrafu 13 fuq l-akbar somma bejn l-attiv u l-passiv tal-proprjeta' li għandha tiġi maqsuma [...]"* (emfasi ta' din il-Qorti);

32. Din il-Qorti taqbel mal-insenjament mogħti dwar talbiet rikonvenzjonali fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Violet Camilleri vs Reġistratur tal-Qorti***[9], kwotata mir-rikorrenti fir-rikors ġuramentat tagħha, illi ġiet abbraċċjata wkoll minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet ***Stephen Busuttil Naudi vs Direttur Qrati Ċivili u Tribunali et***[10], illi:

> *Hu evidenti li d-dritt jitħallas għad-deċiżjoni li tagħti l-qorti, kemm jekk ikun dwar xi punt ta' fatt jew ta' dritt. Fis-sentenza l-qorti ser tkun qegħda tiddeċiedi t-talbiet li jirrelataw għall-komunjoni tal-akkwisti billi tiddikjara l-konsistenza tagħha u cjoe l-valur tal-proprjeta'. Id-dritt għal tali deċiżjoni hu regolat mill-paragrafu 13 tat-Tariffa E. Dwar il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, li hu*

[9] Rik Nru 9/2009/1, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Familja), Maġ Dr Anthony Ellul, 29 ta' Jannar 2010 (għalkemm din is-sentenza ġiet appellata, ma ġietx appellata dwar dan il-punt)
[10] Rik Nru 342/2011, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ (illum S.T.O. Prim Imħallef) Mark Chetcuti, 29 ta' Novembru 2011 (in ġudikat)

*punt ta' fatt, id-deċiżjoni hi waħda rrispettivament min-numru ta' talbiet u jekk saritx rikonvenzjoni.*

In oltre, il-Qorti kienet osservat ukoll illi: (a) kawża ta' separazzjoni ġġib magħha t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u d-diviżjoni tal-ġid tal-komunjoni; (b) irrispettivament min-numru ta' talbiet, fil-proċess ta' diviżjoni jsir eżerċizzju wieħed li permezz tiegħu ssir il-likwidazzjoni tal-proprjeta' kollha li għandha tinqasam, u peress illi permezz tal-likwidazzjoni jiġi stabbilit il-valur tal-proprjeta', id-dritt għandu jiġi ntaxxat fuq dak il-valur għal darba waħda biss;

33. Konsegwentement, għalhekk, din il-Qorti tqis illi r-rikorrenti għandha raġun issostni illi, fil-każ ta' talbiet identiċi, id-dritt għandu jiġi intaxxat fuq dak il-valur għal darba waħda biss;

34. Dan, iżda, fil-fehma tal-Qorti, **ma kienx l-unika żball illi sar**;

35. Fl-ewwel lok, mill-assjem tal-provi rriżulta lil din il-Qorti illi effettivament, fil-kawża ta' separazzjoni kien ġie dikjarat illi d-dar matrimonjali ma kinitx tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, iżda kienet proprjeta' parafernali. Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti (Sezzjoni Familja), ġie dikjarat, *"Id-dar matrimonjali nxtrat qabel iż-żwieġ u għalhekk hija parafernali tat-tnejn li huma."*[11] Hekk ukoll tikkonferma **Charmaine Bugeja**, *"Skond il-verbal li qed nara illum a fol 108 għax jiena miegħi illum ġibt il-file oriġinali tal-Qorti tal-Familja, jidher li l-partijiet iddikjaraw li d-dar matrimonjali mixtrija qabel iż-żwieġ mhux parti mill-komunjoni tal-akkwisti, huma stess iddikjaraw."*[12] Dan il-fatt baqa' mhux kontestat, la da parti tar-rikorrenti, u lanqas da parti tal-intimat Camilleri. Għaldaqstant, gialadarba tali dar matrimonjali ma kinitx tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u għalhekk ma kinitx ser tiġi kkunsidrata għall-fini tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, din il-Qorti ma tarax kif it-taxxa setgħet tinħadem fuq il-valur tagħha. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-valur tad-dar matrimonjali seta' biss jiġi kkunsidrat fil-każ illi

[11] Vide t-tieni paragrafu a fol 18, formanti parti minn **Dok A** anness mar-rikors ġuramentat
[12] Vide traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-29 ta' Novembru 2022 a fol 74 tal-proċess

ntalbet ukoll likwidazzjoni tal-proprjeta' parafernali, illi ma jidhirx illi kien il-każ, la fir-rikors tar-rikorrenti u lanqas fir-rikonvenzjoni. Se mai, jekk kellha tinħadem xi taxxa *ad valorem* fir-rigward tat-talba dwar likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, kellhom jiġu kkunsidrati l-beni formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, fosthom il-vetturi u l-*joint account* illi jissemmew fl-aħħar paragrafu tas-sentenza qabel id-*Decide*, iżda żgur illi mhux id-dar matrimonjali illi kienet estranea għall-komunjoni tal-akkwisti;

36. Fit-tieni lok, imbagħad, din il-Qorti tinnota illi fil-kawża ta' separazzjoni ġie likwidat favur il-konvenut Camilleri kreditu fl-ammont globali ta' **€42,539**, u cioe €29,779 rappreżentanti nofs l-ispejjeż li hu nefaq fuq it-tifel, u €12,760 rappreżentanti nofs il-pagamenti li għamel fuq is-self li ħadu mill-bank għax-xiri tad-dar fejn għexu l-partijiet minn Jannar 2017 sad-data tas-sentenza. **Charmaine Bugeja** tispjega:

> *Xhud* *Issa li ġara fl-intaxxar kemm it-talba prinċipali kif ukoll il-kontro-talba ġie meħud biss il-valur biss ta' 400,000 u dik il-parti tat-talba parafernali li għamel il-konvenut ma tteħditx in consideration fis-sens li ngħata biss dritt tal-avukat ta' 25 Euros, iġifieri ikun daqs kieku ntaxxat bħala punt ta' liġi.*
>
> *Avukat* *Iġifieri żbaljat ... hux hekk?*
>
> *Xhud* *Iva, it-talba prinċipali filwaqt li l-valur ittieħed fuq l-400,000 il-kontro-talba irrid ikun hemm mhux l-istess valur ta' 300,000 minħabba dawk is-sentenzi li semmejt fix-xhieda tiegħi preċedenti pero irid ikun hemm it-talba partikolari fejn il-konvenut għamel talba partikolari tal-bene parafernali.*

Jirriżulta għalhekk illi mhux talli sar żball meta d-deċiżjoni dwar it-talba dwar likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ġiet intaxxata darbtejn (u fuq

valur skorrett), iżda talli sar żball ieħor meta d-deċiżjoni dwar it-talba rikonvenzjonali dwar likwidazzjoni tal-krediti tal-konvenut Camilleri ma ġietx intaxxata *ad valorem* skont il-paragrafu 13 tat-Tariffa E, meta effettivament kellha tiġi hekk intaxxata skont il-paragrafu 14 tal-istess Tariffa;

37. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti hija tal-fehma illi għandha raġun ir-rikorrenti ssostni illi t-taxxa hija skorretta, u dan għal diversi raġunijiet. Din il-Qorti tqis għalhekk illi jkun għaqli illi t-taxxa terġa' tinħadem mill-ġdid, u konsegwentement sejra għalhekk tilqa' t-talbiet rikorrenti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **Tilqa' l-ewwel talba** rikorrenti u tiddikjara skorretta t-tassazzjoni ta' drittijiet u spejjes magħmula fid-29 ta' Diċembru 2021 fil-kawża fl-ismijiet ***Vanessa Camilleri vs Carlo Camilleri*** Sezzjoni Familja (Rikors Numru 1/2020 AGV);

(ii) **Tilqa' t-tieni talba** rikorrenti billi tiddikjara li l-valur ta' erba' mitt elf Ewro adoperata bħala l-bażi tat-tassazzjoni tal-valur tal-kawża kemm għat-talba kif ukoll għall-kontro-talba hija żbaljata, u dan stante illi d-dar matrimonjali ma kinitx tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ma kinitx għalhekk parti mill-kawża;

(iii) **Tilqa' t-tielet talba** rikorrenti u tordna lill-istess intimat Direttur Qrati Ċivili u Tribunali jerġa' jaħdem mill-ġdid it-taxxa uffiċjali tal-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ***Vanessa Camilleri vs Carlo Camilleri*** Sezzjoni Familja (Rikors Numru 1/2020 AGV) fuq il-valur korrett u skont il-Liġi kemm għat-talba kif ukoll għall-kontrro-talba sia dawk tar-Reġistru kif ukoll dawk li huma drittijiet professjonali u spejjes;

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża a karigu tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali.

Moqrija.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**